# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Gunju, 2016**

**Talba Nru: 347/2015/VG**

**360 Food Imports Limited**

**Vs**

**Donald VELLA [ID 295271M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-7 ta' Mejju, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat ihallasha s-somma ta' mija sebgha u sittin euro u tmienja u hamsin centezmi ta' euro [€167.58c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi s-socjeta esponenti timporta u tbiegh lokalment merkanzija relatata mal-ikel u x-xorb;
>
> Illi l-konvenut j'opera hanut taht l-isem St. Joseph Band Club u ordna minghand is-socjeta esponenti numru ta' merkanzija;

Illi s-socjeta attrici kkonsenjat il-merkanzija kollha rikjesta u l-konvenut qatt ma oggezzjona dwar il-kwalita jew il-kwantita tal-merkanzija ikkonsenjata u qatt ma oggezzjona ghall-invoices mahruga u dan hekk kif ser jigi ppruvata ahjar waqt it-trattazzjoni;

Illi l-konvenut jinsab debitur lejn is-socjeta esponenti fl-ammont ta' mija, seba u sittin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€167.58) rapprezentanti prezz ta' merkanzija ordnata, ikkonsenjata w accettata mill-konvenut.

Ghaldaqstant is-socjeta esponenti umilment titlob li dan l-Onorabbli Tribunal jghogbu:

1. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija, seba u sittin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€167.58) liema ammont huwa dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut.

   Bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet mis-17 ta' Dicembru 2014 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subbizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li baqa ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha x-xhieda ta' Dr. Johnaton Abela li kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Johnaton Abela ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' mija sebgha u sittin euro u tmienja u hamsin centezmi ta' euro [€167.58c] rapprezentanti prezz ta' merkanzija ordnata, ikkonsenjata w accettata mill-intimat.

Ikkunsidra;

2. Dr. Johnaton Abela kkonferma bil-gurament tieghu llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat bil-procedura ta' l-affissjoni u l-pubblikazzjoni u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' mija sebgha u sittin euro u tmienja u hamsin centezmi ta' euro [€167.58c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**